## 1. Superviżjoni Abbord il-Vettura (Filgħodu u Waranofsinhar)

Dmirijiet tas-Superviżur:

- Jiżgura li abbord il-vettura jkunu qed jirkbu biss dawk l-istudenti approvati mill-MEDE għal kull rotta partikolari (il-listi ta' studenti approvati għal kull rotta jiġu pprovduti lill-Amministrazzjoni tal-Iskejjel mit-Taqsima tat-Trasport għall-Iskejjel u l-bidliet jistgħu jsiru biss mit-Taqsima tat-Trasport għall-Iskejjel);
- Jiżgura li l-istudenti kollha jibqgħu bilqiegħda u jilbsu ċ-ċinturin tas-sikurezza tagħhom;
- Jiżgura li l-istudenti kollha ma jixxabbtux 'l barra mit-tieqa;
- Jiżgura li l-istudenti kollha ma jtellfux lis-sewwieq matul il-vjaġġ;
- Jiżgura li l-istudenti kollha jinġabru u jitniżżlu fil-waqfiet indikati apposta;
- Jiżgura u jippromwovi mġiba pożittiva waqt li l-istudenti jkunu abbord il-vettura;
- Jiżgura li l-istudenti kollha jilbsu l-maskra/protezzjoni tal-wiċċ matul il-vjaġġ kollu;
- Jiżgura li l-Linji Gwida maħruġa minn żmien għal żmien mis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika (Ministeru għas-Saħħa) jiġu osservati.

Rappurtar ta' Inċidenti:

Is-superviżur għandu jirrapporta immedjatament kwalunkwe inċident li jseħħ matul il-vjaġġi ta' filgħodu/waranofsinhar lill-Amministrazzjoni tal-Iskola u lit-Taqsima tat-Trasport għall-Iskejjel (tel:25981888). Barra minn hekk, is-superviżur/l-Amministrazzjoni tal-Iskola għandhom iressqu rapport bil-miktub fi żmien 8 ijiem ta' xogħol mill-inċident.

Pick up u drop off għas-superviżur li se jkun abbord:

Filgħodu, is-superviżur, se jkun meħtieġ li jitla' abbord il-vettura tat-trasport mill-ewwel post tal-ġbir tar-rotta. Is-superviżur se jkun l-ewwel persuna li jitla' fil-vetturi tat-trasport.
Il-vjaġġ imbagħad ikompli tul ir-rotta (b'waqfien fil-postijiet tal-ġbir) sakemm il-vettura tasal l-iskola rispettiva.
Waranofsinhar, is-superviżur se jkun meħtieġ li jitla' abbord il-vettura tat-trasport mill-iskola u jinżel minn fuqha fl-aħħar post ta' waqfien tar-rotta, li dejjem ikun l-istess wieħed tal-post tal-ġbir ta' filgħodu. Is-superviżur għandu jkun l-aħħar persuna li joħroġ mill-vettura tat-trasport.

Remunerazzjoni:

Is-superviżjoni abbord il-vettura tiġi remunerata bir-rata fissa ta' EUR12.39 għal kull vjaġġ imwettaq (jew bir-rata applikabbli minn żmien għal żmien). Normalment isiru 2 vjaġġi kuljum, waħda filgħodu u l-oħra waranofsinhar.

## 2. Superviżjoni mal-wasla (filgħodu)

Dmirijiet tas-Superviżur

- Jiżgura li l-grada tal-iskola tkun miftuħa fil-ħin tal-wasla u l-istess fi tmiem il-ġurnata tal-

iskola;

- Jiżgura li kull min jasal (l-impjegati u l-istudenti) jkun liebes maskra/protezzjoni tal-wiċċ qabel ma jidħlu fil-bini tal-iskola;
- Jiċċekkja t-temperatura ta' kull min jasal (tal-impjegati u tal-istudenti);
- Jiżgura li l-impjegati u l-istudenti biss ikunu permessi jidħlu fil-bini tal-iskola;
- Jiżgura li kull min jasal imur fil-post apposta fejn jissanitizza jdejh;
- Jipprovdi s-servizz sal-bidu tal-lezzjonijiet;
- Jiżgura li l-istudenti jirkbu u jinżlu mill-vetturi tat-trasport b'mod ordnat;
- Jiżgura li jekk l-istudenti kollha jinżlu barra mill-iskola, dawn jipproċedu u jidħlu direttament fl-iskola;
- Jiżgura li l-kolazzjon grab and go jingħata lill-istudenti approvati mill-Breakfast Club;
- Tinżamm nota tal-ħin tal-wasla fl-iskola ta' kull rotta tat-trasport;
- Jiżgura li tiġi osservata kwalunkwe politika speċifika tal-iskola relatata mal-użu tat-trasport;
- Jiżgura li l-Linji Gwida maħruġa minn żmien għal żmien mis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika (Ministeru għas-Saħħa) jiġu osservati.

## 3. Superviżjoni waqt il-ħruġ mill-iskejjel (waranofsinhar)

Dmirijiet tas-Superviżur

- Jipprovdi s-servizz sakemm l-aħħar student ikun telaq mill-iskola;
- Jipprovdi superviżjoni attiva tal-istudenti fil-bini tal-iskola matul il-perjodi tat-tluq;
- Jinżamm il-ħin tal-wasla tal-vetturi fl-iskola li tkun se tiġbor lill-istudenti għal kull rotta;
- Jiżgura li abbord il-vettura jkunu qed jirkbu biss dawk l-istudenti approvati mill-MEDE għal kull rotta partikolari
- Jikkuntattja lill-ġenituri/gwardjani f'każ li t-trasport ikun se jittardja jew f'każ li l-istudenti jitilfu t-trasport tagħhom;
- Jiżgura li tiġi osservata kwalunkwe politika speċifika tal-iskola marbuta mal-użu tat-trasport;
- Jiżgura li l-Linji Gwida maħruġa minn żmien għal żmien mis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika (Ministeru għas-Saħħa) jiġu osservati.

## 4. Superviżjoni fiż-Żona Indikata (Żona Komuni/Klassi) - (Filgħodu)

Minħabba s-sitwazzjoni attwali relatata mal-COVID-19 u t-tfassil mill-ġdid tas-servizz tal-Breakfast Club, is-superviżjoni taż-żona indikata se tinkludi fiha s-superviżjoni tal-istudenti intitolati għal Breakfast Club.

Dmirijiet tas-Superviżur

- Iwassal lill-istudenti lejn iż-żona indikata billi jsegwu l-istikers mwaħħla mal-art fiż-żoni komuni;

- Jissorvelja lill-istudenti waqt li jkunu fil-bini tal-iskola/fil-klassi jew fiż-żona indikata;
- Jiżgura li l-Linji Gwida maħruġa minn żmien għal żmien mis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika (Ministeru għas-Saħħa) jiġu osservati.

## 5. Superviżjoni fil-Klassi

Din is-superviżjoni tapplika biss għal għalliema li għandhom il-warrant.

Dmirijiet tas-Superviżur

- Jissorvelja lill-istudenti li jkunu fil-klassi waqt il-ħinijiet uffiċjali tal-iskola. L-għalliema awtorizzati li japplikaw għal din is-superviżjoni jistgħu jintalbu jissorveljaw lill-istudenti matul il-lezzjonijiet skedati. Is-superviżjoni titħallas bir-rata stabbilita jekk din taqbeż it-teaching load massimu kif stipulat fil-ftehim settorjali tal-GOV-MUT.

Rappurtar ta' Inċidenti matul il-qadi ta' dmirijiet tas-superviżjonijiet minn numru 2 sa 5:

Is-superviżur għandu jirrapporta immedjatament kwalunkwe inċident li jseħħ matul dawn l-erba' tipi ta' superviżjonijiet lill-Amministrazzjoni tal-Iskola.

Remunerazzjoni għad-dmirijiet ta' superviżjoni minn numru 2 sa 5:

Id-dmirijiet ta' superviżjoni se jitħallsu pro-rata bir-rata ta' EUR12.39 fis-siegħa għal kull siegħa ta' superviżjoni mwettqa fil-bini tal-iskola. Ir-rata hija soġġetta għal bidla f'konformità mal-ftehim settorjali bejn il-Gvern u l-MUT.